



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 132/25

Il-Lussemburgu, 16 ta' Ottubru 2025

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-399/24 | AirHelp Germany (Ajruplan milqut mis-sajjetti)

Impatt ta' sajjetta fuq ajruplan jista' jikkostitwixxi ċirkustanza straordinarja

Dan jikkostitwixxi ċirkustanza straordinarja li tista' teżenta lill-kumpannija tal-ajru mill-obbligu li tħallas kumpens għall-kanċellazzjoni jew dewmien twil meta minħabba tali impatt ikollhom isiru spezzjonijiet obbligatorji ta' sigurtà li jwasslu għar-rilaxx għas-servizz tardiv tal-ajruplan

Ftit qabel l-inżul tiegħu f'laşi (ir-Rumanija), ajruplan tal-Austrian Airlines intlaqat minn sajjetti. Minħabba l-ispezzjonijiet obbligatorji tas-sigurtà li segwew, dan l-ajruplan ma setax jopera, kif ippjanat, it-titjira segwenti lejn Vjenna (l-Awstrija).

Passiġġier li kellu jieħu din it-titjira wasal fi Vjenna, permezz ta' titjira ta' sostituzzjoni, b'dewmien ta' iktar minn seba' sigħat. Huwa ttrasferixxa l-kreditu potenzjali li rriżulta minn dawn id-dewmien lil AirHelp, li quddiem il-qorti Awstrijaçi talbet mingħand Austrian Airlines kumpens ta' EUR 400.

Austrian Airlines qieset li l-impatt ta' sajjetti segwit minn spezzjonijiet obbligatorji ta' sigurtà jikkostitwixxi ċirkustanza straordinarja. Barra minn hekk, hija ħadet il-miżuri kollha raġonevoli biex tirmiedja d-dewmien. Konsegwentement, skont ir-Regolament dwar id-drittijiet tal-passiġġieri bl-ajru ¹, hija ma kellhiex tħallas kumpens.

Il-qorti Awstrijaka adita bit-tilwima bagħtet domandi lill-Qorti tal-Ġustizzja f'dan ir-rigward.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ² tirrispondi li impatt ta' sajjetti fuq ajruplan li permezz tiegħu ikollha tiġi operata titjira, meta dan l-impatt ikun ta lok għal spezzjonijiet obbligatorji ta' sigurtà li jwasslu għar-rilaxx għas-servizz tardiv tal-ajruplan, jikkostitwixxi ċirkustanza straordinarja.

Fost oħrajn, hija tosserva li l-leġiżlatur tal-Unjoni inkluda fil-kunċett ta' "ċirkustanzi straordinarji" l-kundizzjonijiet meteoroloġiçi inkompatibbli mat-twettiq tat-titjira kkonċernata, fosthom ir-riskju ta' tilqit minn sajjetti. Impatt minn sajjetta, li b'konsegwenza tiegħu l-ajruplan jkollu jiġi ssuġġettat għal spezzjonijiet obbligatorji ta' sigurtà, ma huwiex intrinsikament marbut mas-sistema ta' funzjonament tal-ajruplan. Għaldaqstant, dan ma huwiex inerenti għall-eżerċizzju normali tal-attività tal-kumpannija tal-ajru kkonċernata u jaħrab mill-kontroll effettiv tagħha. Din il-konklużjoni tippermetti li jiġi ggarantit l-għan ta' sigurtà tal-passiġġieri bl-ajru billi jiġi evitat li l-kumpanniji tal-ajru jiġu mħajra joqgħodu lura milli jieħdu l-miżuri meħtieġa u jiffavorixxu ż-żamma u l-puntwalità tat-titjiriet tagħhom fuq tali għan ta' sigurtà.

Sabiex teżonera ruħha mill-obbligu li tħallas kumpens lill-passiġġieri kkonċernati, il-kumpannija tal-ajru jkollha turi ulterjorment li hija tkun ħadet il-miżuri raġonevoli kollha biex tindirizza ċ-ċirkustanza straordinarja ³ u l-konsegwenzi tagħha ⁴, bħal dewmien twil. Hija l-qorti Awstrijaka li għandha tevalwa dan

f'dan il-każ.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti lill-qrati tal-Istati Membri, fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew deċiżjoni dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ, u fejn applikabbli, is-sunt](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!



¹ [Regolament \(KE\) Nru 261/2004](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91.

² Bħala tfakkira, mill-1 ta' Ottubru 2024, hija bħala prinċipju l-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea li hija kompetenti biex tiegħu konjizzjoni tad-domandi preliminari fil-qasam tad-drittijiet tal-passiġġieri bl-ajru. Madankollu, peress li t-talba għal deċiżjoni preliminari f'din il-kawża waslet il-Qorti tal-Ġustizzja fis-7 ta' Ġunju 2024, il-Qorti tal-Ġustizzja baqgħet kompetenti biex tirrispondiha. Fir-rigward tat-trasferiment parzjali tal-kompetenza preliminari, ara l-istqarrijiet għall-istampa Nri [125/24](#), [126/24](#) u [154/24](#).

³ Filwaqt li miżuri preventivi, bħal miżuri ta' evitar taż-żoni ta' tempesta, jippermettu li jiġu evitati l-impatti tas-sajjetti, huwa partikolarment diffiċli, minkejja d-data meteoroloġika u l-itinerarji moderni, li jiġi eskluż totalment li wieħed jgħaddi minn uħud minn dawn iż-żoni.

⁴ Il-kumpannija tal-ajru għandha tistabbilixxi li, anki jekk jintużaw il-mezzi kollha f'termini ta' persunal jew ta' materjal u l-mezzi finanzjarji għad-dispożizzjoni tagħha, hija manifestament ma kinitx tista', mingħajr ma tagħmel saġrifici intollerabbli, tevita li ċ-ċirkustanzi straordinari jwasslu għall-kanċellazzjoni jew għal dewmien twil tat-titjira.